



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 29 ta' Frar 2024
(OR. en)

7200/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0059(COD)

CADREFIN 48
POLGEN 48
FIN 213
JAI 370
FRONT 67
VISA 28
SIRIS 13
CODEC 639
COMIX 117

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 301 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL Li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 fir-rigward tal-pakkett finanzjarju u l-allokazzjoni għall-faċilità tematika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 301 final.

Mehmuż: COM(2024) 301 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.2.2024
COM(2024) 301 final

2024/0059 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**Li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 fir-rigward tal-pakkett finanzjarju u l-
allokazzjoni għall-faċilità tematika**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-20 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat proposta għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali¹ (QFP) bl-għan li ssaħħaħ il-baġit fit-tul tal-UE biex jiżdedu r-reżiljenza u t-tmexxija tal-Unjoni fl-aktar prijoritajiet u ħtiġijiet urġenti, inkluż biex jiġu indirizzati l-isfidi urġenti relatati mal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093² bil-kunsens tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

Ir-reviżjoni tal-QFP tinkludi żidiet fir-riżorsi għal diversi programmi tal-UE. Biex jittaffa l-impatt tar-reviżjoni tal-QFP fuq il-baġits nazzjonali, dawn iż-żidiet se jiġu parzjalment ikkompensati minn riallokazzjonijiet u riprijoritizzazzjonijiet fil-baġit tal-UE. Iż-żieda netta fil-finanzjament għall-prijoritajiet il-ġodda tammonta għal EUR 21 biljun sa tmiem dan il-QFP.

Dan jeħtieġ modifika tal-limiti massimi tan-nefqa, kif ukoll, f'xi każijiet, emendi tad-dispożizzjonijiet baġitarji tal-atti leġiżlattivi għall-programmi jew l-istrumenti kkonċernati, f'konformità mal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020³ fir-rigward tal-inkorporazzjoni tad-dispożizzjonijiet finanzjarji fl-atti leġiżlattivi. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2021/1148 irid jiġi emendat peress li ż-żieda xierqa tal-pakkett finanzjarju tal-programm tmur lil hinn mill-flessibbiltà skont dak il-Ftehim Interistituzzjonali⁴. Barra minn hekk, hemm proposta parallela li temenda diversi regolamenti oħra tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵.

Hemm ħtieġa urġenti li l-Unjoni tingħata finanzjament xieraq u li tingħata ċertezza legali għat-tħejjijiet tal-abbozz tal-baġit tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2025, kif ukoll għall-ipprogrammar finanzjarju għas-snin 2026 u 2027. Il-Kummissjoni għalhekk tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiżguraw adozzjoni rapida permezz tal-użu ta' proċedura ta' adozzjoni urġenti.

¹ COM(2023)337, 20.06.2023

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

³ Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

⁵ Ir-Regolament 2021/522, ir-Regolament 2021/1057, ir-Regolament 2021/1060, ir-Regolament 2021/1139, ir-Regolament 2021/1229 u r-Regolament 2021/1755.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('TFUE').

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li taffettwa biss id-dispożizzjonijiet baġitarji tar-Regolament li se jiġi emendat, mhux il-kamp ta' applikazzjoni, l-oġettiv jew il-mod ta' implimentazzjoni tiegħu.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità, peress li hija limitata għal bidliet strettament meħtieġa biex tagħti effett lill-emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093.

- **Għażla tal-istrument**

Ir-Regolament 2021/1148 għandu jiġi emendat permezz ta' Regolament biex jagħti effett lill-emenda tar-Regolament tal-Kunsill 2020/2093.

3. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 tinkludi t-tisħiħ tal-fondi għal diversi programmi tal-UE inkluż l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi.

Taħt l-Intestatura 4 "Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri", din il-proposta se tirriżulta f'żieda tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi taħt il-faċilità tematika b'EUR 1 000 000 000 fi prezzijiet attwali.

Dan l-ammont se jiġi allokat għall-Faċilità Tematika li tista' tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni diretta, indiretta u kondiviża. It-tisħiħ se jipprovdi finanzjament għall-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u biex jappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-isfidi u l-ħtiġijiet urġenti relatati mal-migrazzjoni u mal-ġestjoni tal-fruntieri fl-Istati Membri l-aktar esposti, kif ukoll f'dawk affettwati mill-gwerer fl-Ukrajna u fil-Lvant Nofsani.

Iż-żieda ta' hawn fuq hija espressa fi prezzijiet attwali u tistabbilixxi limitu fuq l-ammonti ta' approprjazzjonijiet ta' impenn li se jiġu inklużi fil-baġits annwali għas-snin 2025, 2026 u 2027.

4. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-emendi proposti jirriżultaw mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP u ma jimmodifikawx l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar tar-Regolament (UE) 2021/1148.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Emendi għar-Regolament (UE) 2021/1148 biex jiżdied il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi permezz ta' żieda fl-allokazzjoni tal-faċilità tematika b'EUR 1 000 000 000 fi prezzijiet attwali. B'mod partikolari:

- Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa emendat biex il-pakkett finanzjarju għall-istrument jiġi stabbilit għal EUR 6 241 000 000.
- Fl-Artikolu 7, il-punt (b) tal-paragrafu 3 huwa emendat sabiex l-allokazzjoni għall-faċilità tematika msemmija fl-Artikolu 8 tiġi stabbilita għal EUR 2 573 000 000.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 fir-rigward tal-pakkett finanzjarju u l-allokazzjoni għall-faċilità tematika

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) u l-Artikolu 79(2), il-punt (d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkonsultaw mal-Komitat tar-Reġjuni²,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament u tal-Kunsill³, seħħew avvenimenti ġeopolitiċi bla preċedent, ikkawżati mill-gwerra illegali ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-kriżi tal-enerġija li rriżultat u ż-żieda qawwija relatata fl-inflazzjoni u fir-rati tal-imġħax. Dawn l-evoluzzjonijiet ġeopolitiċi u ekonomiċi ġabu magħhom emerġenzi ġodda li jenħtieġ li jiġu indirizzati biex jitwettqu l-prijoritajiet u l-ħtiġijiet kondiviżi tal-Unjoni. Filwaqt li jitqies li l-flessibbiltajiet baġitarji limitati dalwaqt jintużaw kollha u l-limiti milħuqa mill-possibbiltajiet ta' riallokazzjoni, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali ("QFP") stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093⁴ kellu jissaħħaħ għall-perjodu 2024–2027 biex jipprovdi għall-aktar finanzjament essenzjali b'reazzjoni għall-isfidi urġenti u komuni inkluż il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri.
- (2) Wara l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni mmirata tal-QFP⁵, ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 ġie emendat bir-Regolament tal-Kunsill 224/765 fid-29 ta' Frar 2024⁶.

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2021/1148/oj>).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

⁵ COM(2023)337, 20.06.2023

- (3) Sabiex jingħata effett lir-reviżjoni tal-QFP, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2021/1148 jiġi emendat biex jiżdied il-pakkett finanzjarju tal-istrument. Din iż-żieda jenħtieġ li tiġi alllokata lill-faċilità tematika, biex jittaffew l-isfidi relatati mal-migrazzjoni u mal-ġestjoni tal-fruntieri, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.
- (4) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen⁷, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-Punti A u B, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE⁸.
- (5) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen skont it-tifsira tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen⁹, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-Punt A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE¹⁰.
- (6) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis¹¹ ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-Punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE, moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE¹².
- (7) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024), ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>.

⁷ ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36, ELI: [https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_international/1999/439\(1\)/oj](https://eur-lex.europa.eu/eli/agree_international/1999/439(1)/oj).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/1999/437/oj>).

⁹ OJ L 53, 27.2.2008, p. 52, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree_international/2008/178\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_international/2008/178(1)/oj).

¹⁰ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2008/146/oj>).

¹¹ ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21, ELI:

¹² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2011/350/oj>).

Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka jenħtieġ li, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi, fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar dan ir-Regolament jekk hijiex se timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

- (8) Dan ir-Regolament ma jikkostitwix żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tieħu sehem, f'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE¹³. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhix marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (9) Fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li jsiru disponibbli riżorsi finanzjarji għall-Istati Membri biex jipprovdu l-aktar finanzjament essenzjali sabiex jirrispondu għall-isfidi urġenti u komuni inkluż il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri, huwa meqjus xieraq li tiġi invokata l-eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat prevista fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (10) Minħabba l-urġenza li l-Unjoni tingħata finanzjament xieraq u tiġi żgurata l-kontinwità fl-għoti ta' appoġġ fil-qasam tal-politika rilevanti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/1148 huwa emendat kif ġej:

- (1) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Istrument għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 6 241 000 000 fi prezzijiet attwali.”

- (2) fil-paragrafu 3, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) EUR 2 573 000 000 għandhom jiġu allokati għall-faċilità tematika msemmija fl-Artikolu 8.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

¹³ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tad-29 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2002/192/oj>).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

Kontenut

1.	KUNTEST TAL-PROPOSTA	1
•	Raġunijiet u objettivi tal-proposta.....	1
2.	BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ	2
•	Bażi ġuridika	2
•	Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva).....	2
•	Proporzjonalità	2
•	Għażla tal-istrument	2
3.	IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI	2
4.	ELEMENTI OĦRA	2
•	Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar	2
L-emendi proposti jirriżultaw mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP u ma jimmodifikawx l-obbligi ta' monitoraġġ u rapportar tar-Regolament (UE) 2021/1148.....		2
•	Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta	3
1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':.....	3
1.4.	Objettiv(i).....	3
1.4.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.4.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	4
1.4.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	4
1.4.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4

1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni	5
1.6.	Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	7
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	7
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	7
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta.....	7
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	7
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	7
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	7
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	8
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	8
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	9
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	9
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali	12
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	13
3.2.4.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	1
3.2.5.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	1
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	1

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1148 fir-rigward tal-pakkett finanzjarju u l-allokazzjoni għall-faċilità tematika

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

11 Ġestjoni tal-Fruntieri

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁹

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kunsill adotta emenda għar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 bil-kunsens tal-Parlament Ewropew għar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP.

Ir-reviżjoni tal-QFP tinkludi żidiet fir-riżorsi għal diversi programmi tal-UE. Biex jittaffa l-impatt tar-reviżjoni tal-QFP fuq il-baġits nazzjonali, dawn iż-żidiet se jiġu parzjalment ikkompensati minn riallokazzjonijiet u riprijoritizzazzjonijiet fil-baġit tal-UE. Iż-żieda netta fil-finanzjament għall-prijoritajiet il-ġodda tammonta għal EUR 21 biljun sa tmiem dan il-QFP.

Dan jeħtieġ modifika tal-limiti massimi tan-nefqa, kif ukoll emenda tad-dispożizzjonijiet baġitarji tal-att leġislativ li jistabbilixxi l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-inkorporazzjoni ta' dispożizzjonijiet finanzjarji f'atti leġislativi.

Fir-rigward tat-taqsimiet 1.4, 1.5 u 1.6, l-informazzjoni dwar l-oġġetti ġenerali tinstab fil-proposti leġislativi rilevanti:

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi skrinjar ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-fruntieri esterni u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (UE) 2019/817.

Proposta għal Regolament li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (COM/2018/375 final).

¹⁹

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

L-objettiv ta' politika tal-istrument huwa li jiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva fil-fruntieri esterni, u b'hekk jikkontribwixxi għall-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, filwaqt li jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni fi ħdanha u jirrispetta bis-sħiħ l-acquis rilevanti tal-Unjoni u l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-istrumenti internazzjonali li huma parti għalihom.

1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument jikkontribwixxi għall-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) l-appoġġ għal ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri esterni, implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiġi ffaċilitat il-qsim leġittimu tal-fruntieri, biex jiġu evitati u identifikati l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġu ġestiti b'mod effettiv il-flussi migratorji;

(b) l-appoġġ tal-politika komuni dwar il-viżi biex jiġi żgurat approċċ armonizzat fir-rigward tal-ħruġ ta' viżi u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu, filwaqt li jgħin fil-prevenzjoni ta' riskji migratorji u ta' sigurtà.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-proposta għal emendi għar-Regolament (UE) 2021/1148 se żżid il-pakkett finanzjarju tal-Istrument, permezz ta' żieda fl-allokazzjoni tal-Faċilitajiet Tematiċi b'EUR 1 000 000 fi prezzijiet attwali.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Mhux applikabbli

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Mhux applikabbli

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Mhux applikabbli

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-proposta għandha l-għan li tallinja l-atti leġislattivi tad-dispożizzjonijiet baġitarji li jistabbilixxu l-programmi u l-istrumenti kkonċernati mar-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 kif stabbilit fl-emenda għar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 adottata mill-Kunsill fid-29 ta' Frar 2024.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Mhux applikabbli

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

– X fis-seħħ mill-2025 sal-2027

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)²⁰

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

X **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

X **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

²⁰

Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BUDGpedia. <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Fir-rigward tat-Taqsima 2, l-informazzjoni tinstab fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġislattivi tal-proposti leġislattivi rilevanti, kif indikat fit-taqsima 1.4.1, COM (2018)473 u COM (2018)375.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

--

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

--

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

--

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

--

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ²¹	mill-pajjiżi tal-EFTA ²²	minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali ²³	minn pajjiżi terzi oħrajn	dħul assenjat ieħor
4 Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri Titolu 11: Ġestjoni tal-Fruntieri	11 02 01 Strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi	Diff -	LE	LE	IVA	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

²¹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

²² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

²³ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	4
--	-------	---

DĠ: HOME			Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Wara l-2027	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja tal-baġit 11 02 01 ²⁴	Impenji	(1a)	150	100	750		1000
	Pagamenti	(2 a)	10,575	21,286	100,692	867,447	1000
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					
	Pagamenti	(2b)					
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ²⁵							
Linja baġitarja		(3)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=1a+1b+3	150	100	750		1000

²⁴ Peress li l-qasma bejn il-linja operazzjonali 11 02 01 u l-linja ta' appoġġ amministrattiv 11 01 01 għadha ma ġietx ikkalkulata, l-ammont qed jiġi provviżorjament allokati kollu fil-linja operazzjonali 11 02 01 biss. Id-distribuzzjoni preċiża skont il-linja baġitarja se tiġi definita fil-proċedura baġitarja annwali. L-ammont huwa allokati lill-Faċilità Tematika.

²⁵ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

għal DĠ HOME	Pagamenti	=2a+2b +3	10,575	21,286	100,692	867,447	1000
			Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Wara l-2027	TOTAL
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	150	100	750		1000
	Pagamenti	(5)	10,575	21,286	100,692	867,447	1000
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	150	100	750		1000
	Pagamenti	=5+ 6	10,575	21,286	100,692	867,447	1000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Il-konsegwenzi fuq in-nefqa amministrattiva se jiġu vvalutati fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali. Miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: <.....>									
• Riżorsi umani									
• Nefqiet amministrattivi oħra									
TOTAL DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet								

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)								
---	--	--	--	--	--	--	--	--	--

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ²⁶	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								
	Pagamenti								

²⁶ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip ²⁷	Kost medju	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Le	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ²⁸ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

²⁷ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

²⁸ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

Ir-rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-QFP inkluda żidiet ta' ċerti pakketti baġitarji, kif ippreżentat f'dan l-att, iżda wkoll tnaqqis sinifikanti fuq oħrajn. L-effett nett ta' dawn l-emendi mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-kostijiet amministrattivi u r-riżorsi tal-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tkompli tfittex użu effettiv u effiċjenti tar-riżorsi umani tagħha, filwaqt li tqis il-prinċipju ta' persunal stabbli, billi tivvaluta b'mod kostanti l-opportunitajiet interni ta' riallokazzjoni.

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²⁹	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 7³⁰ tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill-Intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

²⁹ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

³⁰ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

TOTAL								
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)							
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)							
01 01 01 11 (Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
• Persunal estern (f'unitajiet Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE) ³¹							
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)							
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 xx yy zz ³²	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
01 01 01 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)							
01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

³¹ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

³² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Din il-proposta tirriżulta mill-ftehim dwar ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.
- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☐ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ³³	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approprijazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. **Impatt stmat fuq id-dħul**

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor
 - ☐ indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ³⁴					
		Sena	Sena	Sena	Sena	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex	

³³ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

³⁴ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.

	għas-sena finanzjarja attwali	N	N+1	N+2	N+3	turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

--

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).